## Is-Sibt, 19 ta' Diċembru 2020

Żakkarija u Elizabetta kienu nies ġusti quddiem Alla u jimxu bla nuqqas ta' xejn skont il-preċetti u l-kmandamenti kollha tal-Mulej. Ulied ma kellhomx, għax Elizabetta ma setax ikollha, u t-tnejn kienu mdaħħlin fiż-żmien. Mela ġara li Żakkarija kien qiegħed jaqdi dmiru ta' qassis quddiem Alla ... U deherlu anġlu tal-Mulej, wieqaf in-naħa tal-lemin tal-altar tal-inċens. Żakkarija, malli rah, tħawwad u waqa' biża' fuqu. Imma l-anġlu qallu: "Tibżax, Żakkarija, għax it-talba tiegħek instemgħet: martek Elizabetta se tagħtik iben, u inti ssemmih Ġwanni."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 1, versi 6-8a.11-13***

# 21

"Il-profeti jagħżlu simboli sbieħ,
fosthom dak tad-deżert
li jirrappreżenta n-nuqqas ta' ħajja.
Imma jgħidu wkoll li d-deżert
se jwarrad: il-miraklu tal-ħajja.
U f'dan wieħed jara
l-wegħda ta' Alla,
li mhux ħlief Dak li jagħti l-ħajja.
Mill-banda l-oħra,
ix-xitan irid li aħna ma ngħixux
biex nagħtu l-ħajja lill-oħrajn,
imma li nagħtuha
lilna nfusna biss ...
l-egoiżmu ma jħalliniex
inqassmu l-ħajja."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni, 19 Diċembru 2017*

# Li tqassam il-ħajja

*Xi frott*
*qed tħalli*
*ħajti?*

*Il-fidi tiegħi*
*hija fidi*
*għammiela?*

Xi drabi, Mulej, ħajti naraha qisha deżert!
Meta niġi biex nara xi frott qed tħalli ħajti,
x'riżultati qed iħalli t-taħbit tiegħi,
x'qed joħroġ minn dak kollu li jiena nagħmel,
insib ftit li xejn!
Inħossni qed nagħżaq fl-ilma!
Imma jiena rrid, Mulej,
li nkun xi ħadd li jagħmel il-frott;
jiena rrid li ħajti tagħti l-ħajja;
jiena rrid li l-fidi tiegħi tħalli l-frott fija,
li timxi 'l quddiem,
li jiena jkolli xi nqassam minnha lill-oħrajn.
Inti, Mulej, għandek minn fejn tbiddel id-deżert
fi mkien ta' ħajja.
Inti, Mulej, għandek minn fejn toħroġ il-fekondità
mill-isterilità!